MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 484/2002

Avviz Nru:- 484/02DM

Carmelo u Dorianne konjugi Sammut f'isimhom proprju u ghan-nom tad-ditta Charlie Autodealer

vs

Carmel u Antonia konjugi Galea

Il-Qorti,

Rat l-avviz, permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' Lm2,500 (elfejn u hames mitt lira Maltin), oltre l-imghax legali mill-27 ta' Marzu 2000 rappresentanti bilanc ta' prezz ta' karozza Ford Escort numru AAD –524 minnhom mixtrija u lilhom ikkonsenjata u dan skond kambjali annessi w immarkati bhala dokumenti 1 sa 25.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri interpellatorji u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 t'Ottubru 2002 fejn il-konvenuti dehru u kkontestaw it-talba attrici u ppromettew li jipprezentaw l-eccezzjonijiet formali fi zmien hmistax il-jum minn dik in-nhar.

Billi l-konvenuti ma pprezentawx in-nota tal-eccezzjonijiet fi zmien lilhom prefiss u ma gabu ebda prova in kontestazzjoni ghal dak li qed jippretendu l-atturi, wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Carmelo Sammut u rat id-dokumenti esibiti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm2,500 (elfejn, hames mitt lira Maltin) ghar-raguni indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-iskadenza ta' kull kambjala

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

……………………………..
Magt. Dr D Montebello B.A., LL.D.

S. Farrugia
Dep/Reg Civ50